xi whud minn fostna ma konniex inkunu nistgħu nlaħħqu magħhom. L-istampar ta' "*Il-Malti*", li minkejja t-twegħir kollu dejjem joħroġ, qiegħed iqum dejjem aktar, u sar u għadu jsir ħafna stħarriġ sabiex insibu mezz ħalli dan il-piż jonqos kemm jista' jkun.

Mit-talbiet li jaslulna minn ċerti kittieba sabiex ikunu maħtura Membri Akkademiċi jew Membri Korrispondenti, jidher ċar li l-Għaqda għadha tgawdi post għoli fil-fehma ta' dawk li jħobbu l-Ilsien Malti, saħansitra fost dawk li f'xi żmien ma kenux jaqblu magħna imma li tgħallmu jaħsbu aħjar. F'dawn l-erba' snin kienu maħtura ħames Membri Akkademiċi u erba' Membri Korrispondenti li fil-fehma tagħna kien jistħoqqilhom dan l-unur.

Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lill-Membri kollha, u b'mod speċjali lil sħabi tal-Kunsill, għall-għajnuna li dejjem tawni u li mingħajrha ma kontx nista' nilħaq id-dmirijiet tiegħi bħala Segretarju.

GODFREY ZARB ADAMI,

31/5/1959. *Segretarju.*

## GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

**Kunsill maħtur fil-Laqgħa Ġenerali tal-31 ta' Mejju, 1959**

Presidenti Onorarji: Professur Ġ. Aquilina, B.A, LL.D., Ph.D. (Lond.); Professur Patri A. Cuschieri, Ph.D., D.D., O.C.; Sur Ġino Muscat Azzopardi; Rev.du Monsinjur K. Psaila, D.Litt., C.B.E.; Rev.du Professur Monsinjur P.P. Saydon, B.Litt., B.L. Can., D.D., Lic.S.S.

President: Kav. Prof. Ġ. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.

Viċi-President: Sur A. Cremona.

Segretarju: Sur G. Zarb Adami.

Teżorier: Sur V. Apap.

Segretarju Propaganda: Sur Ġ. Chetcuti.

Membri: Patri Wistin Born, O.P.; Professur Patri S. Zarb, O.P., O.B.E., S.Th. M., S.S.D.; Sur I. Muscat Azzopardi; P.L.; Sur Karmenu Vassallo; Rev.du Monsinjur Professur E. Coleiro, B.A., B.L.Can., D.D., Ph.D. ((Lond.); Sur R. Vella Tomlin; Patri D. Mintoff, O.F.M.; Rev.du F. Camilleri.



# RATI TA' ĦLAS

## GĦAL TRASMISSJONIJIET MIR-REDIFFUSION

DAWN ir-rati ta' ħlas mill-Kumpannija tar-Rediffusion bdew iseħħu mill-1 ta' Mejju ta' din is-sena:

### NOVELLI, PROŻA U TAĦDITIET

| | |
|---|---|
| sa 5 minuti | £0 10 0 |
| minn 6 sa 10 minuti | £1 0 0 |
| minn 11 sa 15-il minuta | 1 5 0 |
| minn 16 sa 20 minuta | 1 10 0 |
| minn 21 sa 25 minuta | 1 15 0 |
| minn 26 sa 30 minuta | 2 0 0 |

Għal kull ħames minuti oħra, sa l-eqreb ħames minuti, 5s. Id-dritt ta' l-awtur jiġbor fih il-preżentazzjoni.

### POEŻIJA

| | |
|---|---|
| sa 25 vers | £0 10 0 |

Għal kull ħames minuti oħra, sa l-eqreb ħames minuti, 5s. ikun 2s. Id-dritt ta' l-awtur jiġbor fih il-preżentazzjoni.

### KOTBA LI JINQRAW F'EPISODJI TA' NOFS SIEGĦA

**Oriġinali**

| | |
|---|---|
| L-ewwel 10 episodji | £2 0 0 |
| Episodi oħra ta' l-istess ktieb | 1 10 0 |

**Traduzzjonijiet**

| | |
|---|---|
| L-ewwel 10 episodji | £1 6 8 |
| Episodji oħra ta' l-istess ktieb | 1 0 0 |

Għal episodji ta' 15-il minuta jitħallsu nofs ir-rati ta' hawn fuq.

Nofs ir-rati ta' hawn fuq jitħallsu wkoll għal ripetizzjonijiet li jsiru fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-ewwel xandira.

Jitħallas dritt ta' 5s. għall-preżentazzjoni.

### DRAMA U "FEATURES" LI MA JKUNUX F'EPISODJI

**Oriġinali**

15-il minuta A: £2 10 0; B: £2 0 0; Ċ: £1 10 0.
30 minuta A: £5 0 0; B: £4 0 0; Ċ: £3 0 0.